V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11016 — AIR LIQUIDE / ADP / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 142/12)

1. Fis-17 ta' April 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Aéroports de Paris S.A. ("ADP", Franza),

— Air Liquide S.A. ("Air Liquide", Franza),

— JV (Franza).

APD u Air Liquide jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' JV.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— ADP hija responsabbli għall-iżvilupp, it-tħaddim u l-espansjoni tal-ajruporti ta' Paris-Charles de Gaulle, Paris-Orly, Paris-Le Bourget, kif ukoll għadd ta' ajruporti ċivili li jinsabu fir-reġjun tal-Ile-de-France. ADP hija attiva wkoll fil-forniment ta' servizzi ta' inġinerija u konsulenza teknika għall-industrija tal-ajruporti u fil-forniment ta' operazzjonijiet ta' appoġġ tal-ajruport u servizzi ta' inġinerija,

— Air Liquide hija attiva fil-gassijiet industrijali, fit-teknoloġiji u fis-servizzi użati fis-setturi Industrijali u tas-Saħħa.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-JV se jkunu l-forniment ta' servizzi ta' inġinerija lill-ajruporti għall-proġetti tagħhom biex jintegraw l-idroġenu fl-infrastrutturi tagħhom. Dawn is-servizzi ta' inġinerija se jinkludu studji ta' preinġinerija, prefattibbiltà u inġinerija, u assistenza lill-klijenti fil-proġetti tagħhom ta' bini, sjieda u operat fir-rigward tal-infrastrutturi tal-ajruporti ffukati fuq l-idroġenu.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11016 — AIR LIQUIDE / ADP / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.